MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2014

Numru. 501/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Grazio Calleja**

**Reno Said**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmijin Grazio Calleja detentur tal-karta tal-identita` numru 104468(M) u Reno Said detentur tal-karta tal-identita` numru 568874(M).

Akkuzati talli:

> Fit-3 ta’ Marzu, 2014 ghal habta ta’ 5.15pm u/jew hinijiet wara minn fuq barkun li jinsab fil-‘Marsa Ship Building’ fi Triq Aldo Moro Marsa u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta’ hadid u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta’ Paul Attard mir-Rabat u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-valur li ma jaqbizx 2329.37 ewro, lok, u hin.
>
> U wkoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet wara f’dawn il-gzejjer xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghhom jew imexxuhom liema oggetti msemmija li kienu gew minn serq ikkwalifikat bil-valur, lok, u hin.
>
> U aktar talli irrendew ruhhom recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputati, Grazio Calleja u Reno Said, li wiegbu hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u li kkonfermaw tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom;

Rat li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-prosekuzzjoni, tant li rifurtiva giet ritornata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261c, (e)(f), 269, 270, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputati Grazio Calleja u Reno Said, hatja tal-ewwel (1) akkuza biss stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, u lil Grazio Calleja tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija filwaqt li lil Reno Said tpoggih taht probation order ghal zmien tliet (3) snin li tul dan iz-zmien ghandu jinghata l-ghajnuna kollha sabiex jeghleb il-vizzju tax-xorb.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------